# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' April, 2019.**

**Numru 8**

**Citazzjoni numru 875/82LFS**

**Ignazio Gatt b'digriet tal-24 ta' Settembru, 1992, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Speranza armla minn Ignatius Gatt, Joseph, Carmel, Miriam xebba, Philip, Paul, Alexandra xebba, u William ilkoll aħwa Gatt, stante l-mewt ta' Ignatius Gatt fil-mori tal-kawża**

**vs**

**Żakkarija Calleja**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Novembru, 2013, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet it-talbiet magħmulin minnhom f'Att taċ-Ċitazzjoni tal-10 ta' Awwissu 1982. Madankollu, fiċ-ċirkostanzi, l-ewwel

Qorti ordnat li l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet billi sabet li l-attur kellu ċertu ġustifikazzjoni meta lmenta mill-fatt li l-konvenut kien debitur tiegħu u, minflok, dan mexxa bil-ħruġ tal-imsemmi Mandat;

2. Fl-att promotur, l-attur kien talab li l-imħarrek jgħid għalfejn m'għandhiex dik il-Qorti (tal-Kummerċ) issib li l-attur Ignazio Gatt kien joffri garanzija biżżejjed għall-ħlas ta' kull eventwali kreditu bil-preżenza tiegħu f'Malta u bis-sostanzi tiegħu kollha u li ma hemm l-ebda bżonn tal-garanzija bankarja maħruġa biex seta' jitneħħa l-Mandat ta' impedment tas-safar maħruġ kontrih mill-imħarrek fis-17 ta' Awwissu, 1979[1]; li dik il-Qorti kellha tagħti lill-istess imħarrek żmien biex iġib garanzija jew pleġġerija tajba għall-ħlas tal-penali, danni u mgħaxijiet li jista' jkun suġġett għalihom billi kiseb il-ħruġ tal-imsemmi mandat kawtelatorju b'mod ħażin; u li ssib li l-imsemmi Mandat (in kwantu l-effetti tiegħu kienu għadhom ma ntemmux) kien inkiseb ħażin. Talab ukoll l-ispejjeż;

3. L-imħarrek appellat laqa' għal dik l-azzjoni billi qal li dwar l-ewwel talba l-Qorti ma kellhiex il-fakultà li tiddeċidiha ladarba l-attur innifsu stqarr li kien seħħlu joħroġ il-kontro-mandat billi ressaq il-garanzija bankarja. Minbarra dan, żied jgħid li l-fatt li l-attur kien jinsab f'Malta ma kienx jagħti garanzija li jista' jħallas il-kreditu talvolta kanoniżżat favur min ħareġ il-Mandat lanqas jekk ikun stramiljunarju. Jirrileva li l-attur

[1] Mandat Nru. 748/79

naqas li jfisser x'kien il-ġid sostanzjali li jsemmi li għandu u f'hiex jikkonsisti. Dwar it-tieni talba, laqa' billi qal li ladarba l-Mandat tneħħa dik it-talba m'għadhiex tagħmel sens u l-Qorti ma setgħet timponi ebda terminu fuqu biex iressaq il-garanzija mitluba. Dwar it-tielet talba, qal li d-dikjarazzjoni mitluba dwar is-siwi tal-ħruġ tal-Mandat saret qabel il-waqt għaliex il-Qorti ma setgħetx tgħaddi ġudizzju dwar dan meta l-kawża[2] li l-Mandat inħareġ in kawtela tagħha kienet għadha qiegħda tinstema';

4. Dik il-Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li ikkunsidrat hekk:

> *"**A. ĊITAZZJONI:***
>
> *"Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi li permezz taghha ppremettew:*
>
> *"Illi fis-17 ta' Awissu, 1979 il-konvenut talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' impediment tas-safar kontra l-attur (numru 748/79) u dana in kawtela ta' pretisi drittijiet ghall-hlas tad-danni li suppost gew kagunati lilu billi fis-snin 1969 u 1970 l-attur kien allegatament fornielu concentrate difettuz ghall-annimali tieghu, pretensjoni li kienet tinsab dedotta f'kawza pendenti quddiem din il-Qorti, u dana fis-somma kalkolata ghall-fini ta' dak il-mandat fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf, tmien mija u tliet liri maltin (Lm25,803.00.0);*
>
> *"Illi l-attur talab u ottjena l-hrug ta' kontromandat wara li ppresenta garanzija bankarja ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf u disa' mitt lira (Lm25,900);*
>
> *"Illi l-attur huwa prezenti f'Malta u ma ghandu ebda hsieb li jsiefer, u l-prezenza tieghu f'Malta, oltre l-beni konsiderevoli posseduti mill-attur kienet u ghadha garanzija bizzejjed li kull eventwali kreditu kanonizzat favur l-istess konvenut jigi mhallas;*
>
> *"Illi l-manteniment ta' l-istess garanzija bankarja ghaf-favur tal-kreditu eventwali ta' l-istess konvenut qieghed jimmobilizza certu*

[2] Riferenza għaċ-Ċitazz. Nru. 994/71

*ammonti ta' kapitali u jintralcja ghalhekk in-negozju ta' l-attur u jikkagunalu dannu;*

*"Illi ghalkemm gie bonarjament interpellat biex isiru arrangamenti halli l-bank jillibera ruhu mill-istess garanzija, il-konvenut baqa' ma ta ebda twegiba;*

*"L-attur talab lill-Qorti:*

*"Tiddikjara u tiddeciedi li l-attur joffri garanzija bizzejjed ghall-hlas ta' kull eventwali kreditu bil-prezenza tieghu f'Malta u bis-sostanzi tieghu kollha, u li konsegwentement ma hemm l-ebda bzonn ta' l-istess garanzija bankarja, u 2. taghti terminu lill-konvenut biex igib garanzija jew pleggerija tajba ghal hlas tal-penali, danni u imghaxijiet li jista' jkun soggett ghalihom billi ottjena hazin l-istess mandat ta' impediment tas-safar u 3. ghaliex l-imsemmi mandat (kwantu ghadu ma spiccax ghat-tenut tal-artikolu 873 tal-Kodici tal-Procedura) jigi dikjarat bhala ottenut ingustament.*

*"Salvi azzjonijiet ohra.*

*"Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie mharrek ghas-subizzjoni.*

*"Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentati mill-attur.*

***"B. ECCEZZJONIJIET:***

*"Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixa:*

*"1. Illi ghar-rigward ta' l-ewwel domanda, din il-Qorti m'ghandhiex il-fakolta` tiddikjara dak li gie mitlub. Skond l-artiklu 833(2) tal-Kap. 15, il-mandati kawtelatorji jigu revoakti kemm-il darba d-debitur jaghmel depozitu jew jaghti pleggerija adegwata. Kif intqal fl-istess att tac-citazzjoni, l-attur kien ottjena l-hrug ta' kontro-mandat wara li pprezenta garanzija bankarja. Minflok ma pprezenta garanzija bankarja, l-attur kien messu <u>dak iz-zmien</u> juri li ghandu sostanzi immobbli bizzejjed u joffri dritt rejali fuqhom biex jissalvagwarda d-drittijiet tal-konvenut, u, jekk il-Qorti ma taccettax dik il-garanzija, imur fil-kontenzjuz. L-attur kien ghazel it-triq tal-garanzija bankarja, u llum ma jistax imur lura minnha.*

*"2. Fi kwalunkwe kaz, il-presenza ta' debitur f'Malta "per se" mhi ebda garanzija, lanqas jekk id-debitur ikun stramiljunarju. Rigward is-sostanzi ta' l-attur, dan qatt ma wera x'jippossjedi, u, anki jekk ghandu immobbli ta' valur sostanzjali, liberi minn kull debitu, hu dubjuz jekk jistax jaghmel ipoteka preventiva.*

*“3. Rigward it-tieni domanda, anki kieku l-Qorti kellha fakulta` timponi t-terminu u l-pleggerija mitluba, darba li l-mandat kien gie revokat din id-domanda llum ma taghmilx sens.*

*“4. Rigward it-tielet domanda, din ma tistax treggi ghaliex l-artiklu 873 citat ma japplikax ghall-kaz. Inoltre, id-dikjarazzjoni mitluba li l-mandat kien gie ottenut ingustament hi minghajr kawzali. Fi kwalunkwe kaz, jekk il-kawza tal-konvenut kontra l-attur ghadha pendenti, kif tista’ l-Qorti tiddeciedi jekk il-mandat giex ottenut ingustament jew le?*

*“Salvi eccezzjonijiet ohra.*

*“Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.*

*“**C. PROVI:***

*“Fis-seduta datata 25 ta’ Marzu 1985, gew nominati Dr. Lawrence Caruana, is-Sur Anthony Serracino Inglott, l-ispizjar Maurice Zarb Adami, u Dr. Richard Galea Debono bhala Periti Perizjuri.*

*“Rat il-verbal tat-13 ta’ Frar, 2002 (fol 130) li minnu jirrizulta li Dr. Anthony Ellul gie nominat Perit Legali.*

*“Rat li fit-13 ta’ Ottubru, 2003 kien gie deciz li l-kawzi 994/71, 319/70 u 875/82 kienu konnessi.*

*“Rat id-digriet tas-16 ta’ Dicembru, 2004 li permezz tieghu Dr. Vincent Galea ssostitwixxa lil Dr. Anthony Ellul bhala Perit Legali.*

*“Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Vincent Galea li fih semma:*

*“III. **<u>RETROXXENA GHAL-PERIZJA ODJERNA</u>***

*“5. Illi ma’ din il-kawza hemm mixjien ukoll is-segwenti kawzi:*
*“a) Cit. Nru. 319/70 CFS fl-ismijiet Ignazio Gatt vs Zakkarija Calleja.*
*“b) Cit. Nru. 994/71 CFS fl-ismijiet Zaccaria Calleja vs Ignazio Gatt.*

*“6. Illi ghal ahjar prosegwiment tal-kaz, l-esponenti gabar il-provi kollha – mressqa fit-tlett kawzi fuq imsemmija – fir-rapport tal-kaz bin-numru 319/70 fl-ismijiet* **Ignazio Gatt noe vs Zakkarija Calleja***. Huwa ghalhekk ma huwiex sejjer joqghod jerga’ jirrepeti l-provi f’dan ir-rapport, liema provi imsemmija fil-kawza hawn appena riferita ghandhom japplikaw u jghoddu wkoll ghal dan ir-rapport. Dan anke a bazi tal-fatt li l-partijiet kienu qablu li l-provi li*

*kienu qeghdin jingabru fil-kawzi kellhom jaghmlu stat fil-konfront tat-tliet kawzi hawn imsemmija.*
*"<u>Konsiderazzjonijiet</u>*

*"7. Illi l-ewwel haga li ghamel l-esponenti huwa li gabar kopja tal-mandat ta' impediment ghas-safar kontra persuna bin-numru 748/79 u tal-kontro-mandat relattiv. Dawn qed jigu esebiti mar-rapport u mmarkati bhala Dok. VGX.*

*"8. Jirrizulta li l-mandat ottenut mill-konvenut Calleja fil-konfront ta' l-attur Gatt kien inhareg taht l-artikolu 855 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dak l-artikolu kien jaqra hekk:*

> *"(1) <u>The object of a warrant of impediment of departure is to secure a claim which might be frustrated by the departure of the debtor</u>, or by the departure of any ship or vessel other than a ship of war" (sottolinejar ta' l-esponenti).*

*"9. Dan l-artikolu tal-ligi gie sostitwit, permezz ta' l-Att Numru XXIV tal-1995, bis-segwenti:*

> *"A warrant of impediment of departure of any ship or vessel may only be issued to secure a debt or a claim which could be frustrated by the departure of the ship or vessel."*

*"10. Illi ghalhekk, ghandu jirrizulta li mis-sena 1995, il-mandat ta' impediment tas-safar fuq il-persuna "to secure a claim which might be frustrated by the departure of the debtor" ma ghadux jezisti fil-ligi taghna.*

*"11. Mill-atti akkwiziti, irrizulta li fis-17 ta' Awissu, 1979, il-konvenut odjern, talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' partenza kontra l-attur Ignazio Gatt. Irrizulta wkoll li din il-Qorti, kienet laqghet it-talba ta' l-attur odjern, imressqa b'rikors nhar it-23 ta' Awissu, 1979, sabiex jinhareg il-kontro-mandat relattiv ghall-mandat ta' impediment tas-safar numru 748/79.*

*"12. Illi minn imkien mill-provi pprezentati, la f'din il-kawza odjerna u lanqas fiz-zewg kawzi l-ohra konnessi u cioe` dawk bin-numri:*
*"(a) Cit. Nru. 319/70 CFS fl-ismijiet Ignazio Gatt vs Zakkarija Calleja*
*"(b) Cit. Nru. 994/71 CFS fl-ismijiet Zaccaria Calleja vs Ignazio Gatt.*
*ma jirrizulta xi tip ta' prova sabiex issostni t-talbiet attrici. Provi ghar-rigward ta' din il-kawza ma tresqu assolutament xejn. Ma jirrizultax, per ezempju, x'kienu l-konsistenza ta' l-assi ta' Ignazio Gatt u dan sabiex l-ewwel talba tieghu tigi sostnuta.*

*"13. Lanqas ma tirrizulta xi tip ta' prova sabiex turi kif dan il-mandat gie ottenut ingustament.*

*"14. Kull ma jissemma huwa dak li jinghad fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur odjern, meta jghid li:*

> *"Ghandu jinghad illi skond l-atti li jirrizultaw mill-Qorti, il-werrieta ta' Ignazju Gatt ghadhom marbutin mal-bank b'garanzija bankarja li ghadha pendenti u li fuqha jhallsu ta' kull sena. Meta spicca l-impediment tal-partenza, Zakkarija Calleja lanqas kellu d-dicenza li jaghmel il-kontro-mandat relattiv, haga li jista' u ghandu jaghmlu huwa bhala mhux aktar applikabbli.*
>
> *"Waqt il-hajja ta' Ignazju Gatt dan l-impediment tal-partenza kien ta' ostaklu kbir ghal meta ried irid isiefer fuq xoghol barra minn Malta in konnessjoni man-negozju tieghu.*
>
> *"Ghalhekk kellu jaghmlu zewg garanziji bankarji ta' ammonti sostanzjali u naturalment il-bank jithallas ta' kull sena talli jkun qieghed johrog bicca karta u l-garanzija bankarja tispicca meta l-kawza tkun iffinalizzata.*
>
> *"Ghalhekk ir-responsabbilta` li jitnehha l-impediment tal-partenza b'kontro-mandat kellha tispetta lill-istess Zakkarija Calleja.*
>
> *"Il-mandat sar b'mod vessatorju. Zakkarija Calleja illi kien fin-negozju u b'farm in-nahat bejn in-Naxxar u Gharghur kien jaf min kien Ignazju Gatt mill-Mosta u b'espressjoni Maltija li ma kienx hafi, illi kellu proprjeta`, kellu negozju u t-talbiet tieghu setghu jigu sodisfatti. Il-mandat ta' impediment tal-partenza sar bl-aktar mod vendikattiv u fil-fatt meta Ignazju Gatt ha passi biex dan tnehha u (ħareġ) garanzija bankarja, immedjatament l-istess Zakkarija Calleja ghamillu sekwestru u ghat-tieni darba kellha ssir garanzija bankarja. Is-sekwestru naturalment ghadu vigenti. Il-kawza kienet fuq il-mandat ta' impediment tal-partenza.*
>
> *"Allura wiehed isaqsi ghala Zakkarija Calleja, kif kienet il-ligi dak iz-zmien, ma ghamilx mall-ewwel is-sekwestru imma nqeda bl-impediment tal-partenza hlief li l-uniku skop kien illi jtellfu min-negozju tieghu li jkun jista' jsiefer barra minn Malta?*

*"Zakkarija Calleja kellu jaghti 'il fuq minn Lm12,000. F'dak iz-zmien, b'Lm12,000 kont tixtri zewg vilel jew town houses."*

*"15. Kif diga' nghad aktar 'il fuq, l-allegazzjonijiet maghmula mill-atturi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom huma biss allegazzjonijiet u bl-ebda mod ma gew ippruvati. Anzi ma hemm lanqas l-icken prova fl-atti processwali in sostenn ta' dak li jghidu huma fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom.*

*"16. Ghar-rigward tal-kumment ta' l-atturi fejn huma jistaqsu l-ghala Zakkarija Calleja nqeda bl-impediment tal-partenza minflok ghamel mandat ta' sekwestru (kif sussegwentement ghamel) jekk mhux bl-iskop uniku sabiex itellef in-negozju ta' Ignazju Gatt l-ghaliex ma setax isiefer barra minn Malta, l-esponenti jissottometti, bid-dovut rispett, li huwa ma jaqbilx ma' dan ir-ragunament. Il-kreditur, u f'dak iz-zmien li nhareg dan il-mandat, hekk kien qieghed jippretendi li kien Zakkarija Calleja, kellu kull dritt li juza dak li kien hemm a disposizzjoni tieghu fir-rit procedurali nostran. Huwa seta' jaghzel li jressaq mandat ta' sekwestru jew inkella mandat ta' impediment ta' partenza. Calleja ghazel l-ahhar mandat. Ma rrizultax mill-atti processwali li huwa ghamel jew ottjena l-hrug ta' l-istess mandat ingustament. L-ghazla tal-hrug ta' xi mandat hija dejjem imhollija fid-diskrezzjoni tal-kreditur.*

*"<u>Konkluzjoni</u>*

*"17. Ghaldaqstant l-esponenti jissottometti li in vista ta' dak kollu hawn fuq premess, din il-Qorti ghandha taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet kollha attrici;*

*"Bl-ispejjez ta' din l-istanza jkunu a karigu esklussiv tal-atturi."*

***"D. KUNSIDERAZZJONIJIET:***

*"Din il-Qorti tibda billi tirreferi ghad-decizjonijiet taghha milhuqa llum fil-kawza 319/70FS u 994/71FS fl-ismijiet bejn l-istess partijiet minn fejn jirrizulta li din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni in virtu` tas-sentenza 319/70FS li Zakkarija Calleja ghandu jaghti lil Ignazio Gatt jew lill-werrieta tieghu s-somma ta' €24,930.49, waqt li minhabba l-kawza 994/71FS Ignazio Gatt jew il-werrieta tieghu ghandhom jaghtu lil Zakkarija Cellaja l-ammont ta' €3,416.03. Minn dan johrog li Ignazio Gatt kellu jiehu minghand Calleja s-somma ta' cirka €21,500 u certament ma kienx gustifikat min-naha ta' Calleja li jintavola proceduri ta' Mandat ta' Impediment tas-Safar.*

*"Gatt kien imxekkel b'dan l-impediment bejn is-17 ta' Awissu, 1979 u meta dahal fis-sehh l-artikolu relevanti ghat-tnehhija tal-Mandat ta'*

*Impediment tas-Safar tal-Persuna. Meta ma baqax jezisti l-artikolu msemmi, Gatt kellu r-rimedji biex inehhi l-effetti ta' l-isemmi mandat.*

*"Fid-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut hu kkonferma dak li nghad fl-ewwel u t-tieni u t-tielet paragrafu tac-citazzjoni, izda li ma kien jaf xejn dwar solvibilita` u mezzi ta' l-attur u li kellu interess fl-impediment ossija garanzija bankarja biex jigu salvagwardati d-drittijiet tieghu. L-attur qatt ma kien wera ricerki tieghu lill-konvenut u anqas kien offra xi garanzija reali.*

*"L-attur semma fid-dikjarazzjoni tieghu li l-konvenut kien ottjena l-hrug ta' Mandat ta' Impediment tas-Safar kontra tieghu suppost in kwatela ta' allegat kreditu ta' £25,800 u li biex jottjeni l-hrug tal-kontro-mandat kellu jgib garanzija bankarja ta' £25,900. Ikkonferma li hu solvibbli u li l-garanzija kienet qed tikkagunalu intralc serju fin-negozju tieghu billi kien jehtieglu jzomm dik is-somma likwida f'idejn il-bank.*

*"Il-konvenut eccepixxa li rigward l-ewwel domanda (dikjarazzjoni li l-attur joffri garanzija bizzejjed ghall-hlas ta' kull eventwali kreditu), il-Qorti m'ghandhiex il-fakulta` tiddikjara dak li gie mitlub. Dan huwa veru ghax il-Qorti m'ghandhiex dan il-poter u s-sistema normali hu li jsir depozitu jew tinghata garanzija. L-attur seta' ghamel dak li talab fl-ewwel talba tac-citazzjoni fir-rikors appozitu. Ghalhekk tilqa' din l-eccezjoni dwar l-ewwel talba.*

*"Fit-tieni eccezzjoni tieghu l-konvenut jinsisti li l-prezenza tad-debitur f'Malta per se mhi ebda garanzija. Izda bl-istess ragunar ghalfejn ghamel it-talba ghall-hrug ta' l-impediment tal-partenza ta' l-attur? Ghalhekk tichad din l-eccezzjoni.*

*"Rigward it-tieni talba biex il-konvenut jigi moghti terminu biex igib garanzija u t-tielet talba biex il-mandat jigi dikjarat bhala ottenut ingustament, illum dawn it-talbiet u eccezzjonijiet huma sorpassati mit-trapass taz-zmien*";

5. Minn din is-sentenza, l-atturi (minn issa 'l hemm imsejħin "l-appellanti") appellaw b'Rikors imressaq minnhom fit-2 ta' Diċembru, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra talbu li din il-Qorti tilqa' l-appell tagħhom u, wara li tħassar is-sentenza appellata, tilqa' t-talbiet attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-imħarrek;

6. B'Risposta mressqa fit-3 ta' Settembru, 2018, l-appellat laqa' għall-imsemmi appell billi qal li s-sentenza appellata kienet sostanzjalment korretta u l-appell ma jmissux jintlaqa';

7. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża, kif ukoll dawk rilevanti mill-kawżi fl-ismijiet *Ignazio Gatt noe et vs Zakkarija Calleja* (Ċitazz. Nru. 319/70) u *Zakkarija Calleja vs Ignazio Gatt et* (Ċitazz. Nru. 994/71) li kienu qegħdin jinstemgħu flimkien ma' din il-kawża;

9. Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Diċembru, 2018, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

10. Illi din il-kawża tirrigwarda azzjoni mnedija minn persuna li kontra tagħha kien inħareġ Mandat ta' impediment ta' safar in kawtela ta' pretensjonijiet dedotti kontra l-istess persuna eżekutata f'kawża miftuħa minn min talab u kiseb il-ħruġ tal-Mandat (l-intimat appellat). F'din l-azzjoni, il-persuna eżekutata (l-attur appellant) kienet kisbet il-ħruġ tal-Kontro-Mandat relattiv billi ppreżentat Ċedola ta' Depożitu b'garanzija

bankarja mehmuża magħha. Madankollu, minkejja l-ħruġ tal-imsemmi Kontro-Mandat, il-garanzija bankarja baqgħet tiġġedded u l-appellant għamel daż-żmien kollu ma jistax jinqeda bil-fondi li l-Bank garanti żamm taħt idejh sakemm il-garanzija tibqa' fis-seħħ;

11. Illi l-Qorti jidhrilha xieraq li, qabel ma tgħaddi biex tqis l-aggravju tal-appellanti, ssemmi xi fatti kronoloġiċi marbuta mal-ħruġ tal-Mandat mertu tal-każ. Fis-16 ta' Novembru, 1971, l-appellat fetaħ kawża għad-danni fil-Qorti tal-Kummerċ kontra l-awtur tal-atturi appellanti minħabba mewt ta' għadd kbir ta' annimali fi rziezet tiegħu li huwa jgħid li ġraw minħabba l-kwalità ta' konċentrat lilu mibjugħ mill-istess attur. Fis-17 ta' Awwissu, 1979, l-appellat talab u kiseb minn dik il-Qorti l-ħruġ ta' Mandat ta' Impediment tas-Safar kontra l-attur u dan in kawtela tal-pretensjonijiet tiegħuta' danni fl-imsemmija kawża li, għall-finijiet tal-Mandat, qies li kienu jilħqu s-somma ta' ħamsa u għoxrin elf tmien mija u tliet Liri Maltin (Lm 25,803), wara li l-appellat ħalef li kellu għaliex jaħseb li l-attur kien ser jitlaq minn Malta u bis-safar tiegħu l-pretensjoni tal-appellat setgħet tiġi skartata[3]. Jidher li, aktar qabel f'dik is-sena, l-appellat kien talab u kiseb il-ħruġ ta' Mandat ta' Impediment tas-Safar ieħor kontra l-awtur tal-atturi appellanti[4], li dwaru l-istess attur kien kiseb il-ħruġ ta' Kontro-Mandat relattiv, wara li ressaq garanzija bankarja għall-ammont kawtelat permezz ta' Ċedola ta' Depożitu;

---

[3] Dok "VGX", f'paġġ. 196 sa 201 tal-proċess
[4] Mandat Nru. 41/79

12. Illi fit-23 ta' Awwissu, 1979[5], l-attur ressaq rikors quddiem il-Qorti li ħarġet il-Mandat biex jitlobha toħroġ il-Kontro-Mandat għall-Mandat maħruġ f'Awwissu, u biex taċċetta li l-garanzija bankarja (maħruġa fl-okkażjoni tal-ewwel Mandat ta' impediment tas-safar) kienet għadha tgħodd u tajba biex tikkawtela kif jixraq il-pretensjonijiet tal-eżekutant fl-imsemmi Mandat. B'degriet mogħti fil-31 ta' Awwissu, 1979, il-Qorti laqgħet it-talba tal-attur eżekutat imma imponiet fuqu ċerti kundizzjonijiet. Wara li l-attur eżekutat wettaq l-imsemmija kundizzjonijiet, il-Qorti ħarġet il-Kontro-Mandat minnu mitlub fit-3 ta' Settembru, 1979;

13. Illi l-attur fetaħ din il-kawża f'Awwissu tal-1982 u baqgħet miexja mal-kawża tad-danni li l-appellat kien fetaħ kontra l-attur. Bis-saħħa tal-bidliet li seħħew bl-Att XXIV tal-1995, il-Mandat ta' Impediment tas-Safar kontra persuna tneħħa, u kull Mandat bħal dak li kien għadu fis-seħħ dak iż-żmien kien jitlef l-effetti tiegħu b'seħħ minn xahar kalendarju wara li d-dispożizzjonijiet relattivi ta' dak l-Att kellhom jidħlu fis-seħħ[6];

14. Illi l-**aggravju tal-appellanti** mis-sentenza appellata jikkonsisti fil-fatt li huma jqisu li kien jaqa' fuq l-appellat li jara li, qabel ma jaqbad u joħroġ il-Mandat ta' impediment tas-safar, ifittex jekk kienx minnu jew le

[5] Dok "VGX", f'paġġ. 205 sa 219 tal-proċess
[6] Art. 362(4) tal-Att XXIV tal-1995

li l-attur ma kellux mezzi tiegħu biex seta' jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tad-danni magħmula fil-kawża kontra l-istess attur. Huma jisħqu li l-ewwel Qorti messha sabet li l-Mandat inħareġ b'ħażen u bil-ħsieb biss li jagħmel ħsara lill-attur eżekutat u messha applikat kontra l-appellat is-sanzjonijiet li tagħti l-liġi lil min jinqeda ħażin bil-Mandati;

15. Illi l-appellat iwarrab dan l-aggravju u jgħid li, jekk hemm ħtieġa ta' konferma kemm kien xieraq li jintalab il-ħruġ tal-Mandat, is-sentenza appellata mogħtija mill-ewwel Qorti fil-kawża mibdija minnu tixhed li tassew kellu pretensjoni li kien jistħoqqilha l-ħruġ ta' dak il-Mandat. Itenni l-fehmiet tal-perit legali fis-sens li mexa ma' dak li l-liġi kienet tagħtih li jagħmel u li ma kienx minnu li mexxa kontra l-awtur tal-appellanti b'ħażen jew kattiverja;

16. Illi l-Qorti tqis li l-premessa li dwarha l-awtur tal-appellanti jsejjes fuqha t-talbiet tiegħu kienet il-kwestjoni maħluqa bil-ħruġ tal-garanzija bankarja biex seta' jinħareġ il-Kontro-Mandat għall-Mandat maħruġ mill-appellat. Huwa jgħid (fir-raba' premessa tal-Att taċ-Ċitazzjoni) li l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ ta' dik il-garanzija bankarja kien "qiegħed jimmobilizża ċertu ammonti ta' kapitali u jintralċja għalhekk in-negozju tal-attur u jikkaġunalu dannu";

17. Illi t-talbiet li ressaq l-attur fl-Att taċ-Ċitazzjoni kienu lkoll maħsuba biex itemmu jew itaffu l-effetti taż-żamma fis-seħħ tal-garanzija bankarja. L-ewwel talba kienet maħsuba biex l-ewwel Qorti ssib li l-preżenza waħedha tal-attur f'Malta kienet garanzija biżżejjed għall-pretensjonijiet tal-appellat. It-tieni talba kienet maħsuba biex, jekk kemm-il darba l-garanzija bankarja ma titneħħiex, l-appellat eżekutant iġib 'il quddiem garanzija jew pleġġerija tajba biex tagħmel tajjeb għall-penali, danni u mgħaxijiet li l-istess eżekutant jista' jkollu jagħmel tajjeb għalihom minħabba l-Mandat li ħareġ. Filwaqt li, bit-tielet talba, l-attur ried iġib dikjarazzjoni li l-Mandat ta' impediment tas-safar inħareġ inġustament;

18. Illi ma hemmx dubju li ħsieb wara rimedju bħal dan huwa biex l-użu tal-arma fejjieda tal-ħruġ ta' Mandati kawtelatorji ma jinbidilx f'abbuż bi ħsara għall-parti li tkun debitriċi jew intimata f'atti ġudizzjarji bħal dawk. Min-natura tiegħu, Mandat kawtelatorju huwa maħsub biex iħares pretensjoni tal-kreditur li, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, tkun minnu dedotta f'kawża u sakemm tinqata' dik il-kawża bil-għan li, f'każ li l-kawża tinqata' favurih, ikun jista' jeżegwixxi t-titolu eżekuttiv fuq il-ġid tad-debitur eżekutat li jkun intlaqat b'Mandat bħal dak. Iservu wkoll biex l-istess debitur ma jilħaq jagħmel xejn bi ħwejġu biex iġib fix-xejn il-possibilità tal-eżekuzzjoni tal-eventwali titolu min-naħa tal-kreditur tiegħu;

19. Illi għal dak li jirrigwarda l-ewwel talba tal-awtur tal-appellanti, il-Qorti taqbel mal-perit legali maħtur mill-ewwel Qorti li f'din il-kawża l-atturi ma ressqu l-ebda prova, anqas u anqas urew kif il-preżenza tal-attur f'Malta u l-ġid tiegħu setgħu jissostitwixxu l-garanzija bankarja li kien ħareġ biex kiseb il-ħruġ tal-Kontro-Mandat. Minbarra dan, ladarba l-Mandat kien tħassar bil-ħruġ tal-garanzija bankarja u r-relattiva Ċedola ta' depożitu, qalet sewwa l-ewwel Qorti li dik it-talba ma setgħetx tintlaqa' kif magħmula. Dan jingħad l-aktar għaliex, fil-mori tal-kawża, l-effetti kollha tal-Mandat ta' impediment tas-safar kontra persuna ntemmu bis-saħħa tal-liġi u l-appellanti kellhom rimedju effettiv mogħti mil-liġi wkoll[7] li bih setgħu irtiraw l-imsemmija garanzija bankarja bla ma kellhom għalfejn jistennew dan iż-żmien kollu biex tinqata' din il-kawża, imma naqsu li jinqdew bih. Fil-fehma tal-Qorti, għalhekk, bid-dħul fis-seħħ tal-bidliet estensivi li saru fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, wara l-1995 naqas l-interess ġuridiku tal-appellanti fl-ewwel talba attriċi;

20. Illi safejn l-azzjoni attriċi kienet immirata għall-kundanna tal-appellat għad-danni minħabba u b'konsegwenza ta' ħruġ tal-Mandat (it-tieni u t-tielet talbiet attriċi), kollox irid jitqiegħed fil-qafas ta' żewġ prinċipji ewlenin: l-ewwel wieħed huwa dak li min jirrikorri għal jedd li għandu ma jitqiesx li hu responsabbli għall-ħsara mġarrba minn ħaddieħor minħabba l-użu xieraq ta' dak il-jedd ("*qui suo jure utitur*

[7] Ara l-art. 836(7) tal-Kap 12

*neminem laedere videtur*")[8]; it-tieni wieħed huwa dak li l-jedd li wieħed ifittex ir-rimedji tiegħu billi jirrikorri għall-awtorità ġudizzjarja, minflok jieħu l-liġi b'idejh, m'għandux jiġi mxekkel bla bżonn;

21. Illi l-Qrati tagħna dejjem għarfu wkoll li l-jedd li wieħed idur għal rimedji ġudizzjarji ma għandux jitbiddel f'abbuż tal-proċedura bil-ħsieb li, biex idejjaq jew b'mod fieragħ, iġib lill-parti avversarja f'qagħda li jkollha ċċedi għar-rikatt, għandha jew m'għandhiex raġun. Kien għalhekk ukoll li fil-qafas ta' kwestjonijiet ta' din l-għamla, il-Qrati tagħna, minn żmien għal żmien, fissru l-limiti u ċ-ċirkostanzi dwar fejn u kif jista' jitqies li jkun seħħ abbuż mill-proċess ġudizzjarju bi ħsara għal ħaddieħor. F'dan id-dawl ta' min jgħid li "*non era necessario che chi faceva istanza per la spedizione di un mandato cautelatorio avesse effettivamente* ***il diritto*** *che egli intendeva cautelare,* ***essendo sufficiente che egli in buona fede credesse avere un simile diritto****, al che rispondeva la parola 'pretensione'*"[9];

22. Illi għalhekk, il-fatt waħdu li persuna tkun bdiet proċedura (magħduda magħha l-ħruġ ta' Mandati biex jikkawtelaw dik l-azzjoni) li, wara l-istħarriġ tal-Qorti, ma tiġix milqugħa, ma jfissirx b'daqshekk biss li kull proċedura kienet saret b'abbuż tad-dritt li tirrikorri lejn il-Qorti[10];

---

[8] Art. 1030 tal-Kap 16
[9] App. Ċiv. **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Miller Blacker pro et noe vs Howard*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)
[10] Kumm. **24.1.1895** fil-kawża fl-ismijiet ***Denaro vs Page noe*** (Kollez. Vol: **XV.34**)

23. Illi, ġeneralment, l-abbuż mill-proċedura ġudizzjarja jitqies biss f'każijiet eċċezzjonali li, x'aktarx, jintrabtu mal-qerq tal-persuna li tkun irrikorriet għaliha jew mal-frugħa tal-pretensjoni nfisha[11]. Fejn ikun hemm element ta' aġir fieragħ fi proċedura ġudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuż tal-proċess ġudizzjarju[12]. F'dan ir-rigward ingħad li r-raġunijiet li għalihom min ikun talab u kiseb il-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju jista' jinsab ħati għad-danni ma jintrabtux biss mal-erba' ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 836(8) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, iżda wkoll taħt ir-regoli ġenerali tar-responsabbiltà għad-danni[13]. Madankollu, f'każ bħal dan irid jintwera (mill-parti li tgħid li ġarrbet danni minħabba l-ħruġ tal-Mandat) li l-persuna eżekutanti tkun mexxiet b'imprudenza, traskuraġni jew nuqqas ta' ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[14];

24. Illi huwa magħruf ukoll li Mandat kawtelatorju jinħareġ bir-responsabbiltà ta' min ikun talbu u jista' hekk jintalab bil-ħsieb li jqiegħed fiż-żgur il-jeddijiet tagħha mingħajr ma huwa meħtieġ li qabel ikun hemm deċiżjoni[15];

---

[11] App. Ċiv. **10.1.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Grima*** (Kollez. Vol: **XXXIX.i.24**)
[12] App. Ċiv. **26.1.1926** fil-kawża fl-ismijiet ***Mugliette vs Beżżina*** (Kollez.Vol: **XXVI.i.405**)
[13] Artt. 1031u 1032(1) tal-Kap 16
[14] P.A. TM **18.9.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***
[15] Art. 829 tal-Kap 12

25. Illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ preżenti, il-Qorti tagħraf li l-appellat ħareġ il-Mandat biex iħares pretensjoni li diġà kien ressaq f'kawża tmien (8) snin qabel kontra l-awtur tal-appellanti. Maż-żmien, dik il-pretensjoni kienet magħrufa bis-saħħa ta' sentenza li ngħatat flimkien mas-sentenza appellata u li sabet li l-appellat kien tabilħaqq kreditur tal-appellanti minħabba d-danni mġarrba, għalkemm f'somma ħafna anqas minn dik li kien jippretendi meta talab il-ħruġ tal-Mandat;

26. Illi ladarba l-kwestjoni ddur mal-aspetti tad-danni u l-għamla ta' responsabbiltà li ġġib magħha, jrid jingħad ukoll li huwa daqstant ieħor prinċipju aċċettat li d-danneġġat huwa mistenni li jagħmel kulma jista' biex inaqqas id-dannu li jgħid li jkun ġarrab. Hawnhekk il-Qorti terġa' tgħid li l-appellanti ma nqdewx bir-rimedju li tagħtihom il-liġi biex jitolbu li l-effetti kollha tal-Mandat jitħassru u jirtiraw il-garanzija;

27. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-aggravju mqajjem mill-appellanti ma huwiex tajjeb u ma jistħoqqlux jintlaqa';

***Decide:***

28. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** tal-atturi appellanti billi mhuwiex mistħoqq fil-fatt u lanqas fid-dritt, u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Novembru, 2013, fil-kawża fl-ismijiet premessi, **bl-ispejjeż** kontra l-appellanti. L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif determinati mill-ewwel Qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr